MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 682/2005

**Mario u Marthese konjugi Vitale**

**vs**

**Renato sive Rene` Farrugia**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-16 ta' Marzu 2005 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi ikkundannat ihallas lill-atturi is-somma ta' mija tnejn u sittin Liri Maltin u tletin centezmu (Lm162.30), rapprezentanti danni sofferti fl-incident stradali li sehh fid-19 ta' Gunju 2003 fix-Xatt ta' Sliema fejn b'negligenza, imperizja u nuqqas ta' harsien ta' regolamenti tat-traffiku l-konvenut baqa' diehel bil-car numru CHA 022 fil-vettura numru JAS 624 proprieta` tal-atturi.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra legali tad-29 ta' Lulju 2003, bl-imghax u b'hekk il-konvenut jibqa' ingunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta' l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta' l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tal-atturi u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' mija tnejn u sittin Liri Maltin u tletin centezmu (Lm162.30), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------